# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

Ġunju 2025

## Prattika Spiritwali

### IKKOREĠI U ĦALLI 'L MIN JIKKOREĠIK.

Wiġi kien jiftaħar li kellu rasu iebsa li ma tibdilhielu b'xejn. Ġiġa martu wkoll kellha rasha iebsa imma biex tieħu paċenzja bih u tibqa' tħobbu. Li jkollok rasek iebsa mhix ħaġa ħażina sakemm tkun fit-tajjeb. Miskin int u msieken dawk ta' madwarek jekk tkun rasek iebsa fil-ħażin. Aħna mberkin li għandna diversi opportunitajiet biex nagħmlu eżami tal-kuxjenza biex naraw fejn qed niżbaljaw. Mhux rari imma jiġrilna li niżbaljaw bla ma nindunaw. Allaħares ma jkunx hemm xiħadd li jiftħilna għajnejna u jikkoreġina fil-ħin u bil-ħlewwa. Meta nikkoreġu, dan ma nagħmluhx għax aħna aħjar, imma biex ma nkunux kompliċi tal-ħażen. Allaħares ma nagħmlux dil-karita' u bil-prudenza. Min-naħa l-oħra meta jikkoreġuna, dan jagħmluh għall-ġid tagħna, ukoll jekk jippruvawlna s-suppervja tagħna. Għandna nberkuhom lil dawk li jikkoreġuna, nagħtu kashom bla ma niddefendu lilna nfusna u bla ma nieħdu għalina.

**Iddiskuti: 1.Il-korrezzjoni bla imħabba tagħmel aktar ħsara milli ġid. Iddiskuti.**
**2. San Ġorġ Preca tkellem ħafna fuq il-korrezzjoni fraterna. Taf fil-vanġelu fejn tissemma l-korrezzjoni fraterna u x'jgħid Ġesù fuqha?**

*Dun Karm Gauci*

### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Ġunju
**Biex id-Dinja Tikber fil-Mogħdrija**

Nitolbu biex kull persuna ssib faraġ fir-relazzjoni tagħha ma' Ġesù ħalli mill-Qalb tiegħu titgħallem turi mogħdrija ma' kulħadd.

***Meta r-rieda jispiraha Alla, hi ma tissodisfax ruħha ħlief b'Alla***

**Laqgħa ta' tagħlim is-Sibt 27 ta' Ġunju fil 5 p.m. Dar tal-Leġjun**

# Ħsieb għax-xahar ta' Ġunju
## Marija u l-Ewkaristija

### IL-ĦOLMA TA' DON BOSCO



Fl-aħħar ta' Mejju, 1862, San Ġwann Bosco kellu waħda mill-famużi ħolmiet mis-sema. Ra baħar imqalleb u battalja navali bejn żewġ flotot. Flotta mgħammra sa snienha b'nies feroċi jeħduha kontra flotta li kienet immexxija minn bniedem liebes l-abjad. Intebaħ li dak kien il-Papa u l-flotta kienet il-Knisja. Beża'.

Il-flotta l-oħra kienet terribbli. Bdew l-attakki u l-flotta tal-Papa bdiet taqla' bla ħniena fuq rasha. F'ħin minnhom jilmaħ żewġ kolonni kbar u sbieħ telgħin mill-baħar. Fuq l-aktar waħda għolja lemaħ Ostensorju bl-Ewkaristija bikelmiet: 'Salus Credentium' – 'Is-Saħħa ta' dawk li jemmnu' u fuq l-oħra, iżgħar, Marija, bil-kelmiet: 'Auxilium Christianorum' – 'L-Għajnuna tal-Insara'.

Il-Papa kien pront rabat il-bastiment mal-kolonna l-għolja, imbagħad mal-oħra. Dlonk il-baħar siket u l-flotta l-qawwija ħarbet 'l hinn mix-xefaq imwerwra u mirbuħa.

*Fr Jonathan Debattista*

## Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù



Il-Knisja tiċċelebra is-solennita' tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù il-Ġimgħa wara it-tieni Ħadd fuq il-Pentekoste. Id-devozzjoni lejn din is-solennita' hija waħda mill-aktar festi popolari, u imxerrda, fil-Knisja Kattolika. Taf il-bidu tagħha lil Papa Klement XIII, li fl-1765 approvaha għal xi djoċesijiet. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II kien iqis din id-devozzjoni bħala parti essenzjali mill-'evanġelizzazzjoni il-ġdida' li kien jixtieq jara fil-Knisja. "F'l-evanġelizzazzjoni ta' llum," huwa qal, "il-Qalb ta' Kristu trid tiġi meqjusa il-Qalb tal-Knisja: Hu li iseħilna għall-konverżjoni, għar-rikonċiljazzjoni. Hu li jwassal qlub puri u lil dawk li huma imxennqa għall-ġustizzja matul it-triq tal-Bejatidnijiet."

***Fittex li żżomm qalbek fil-paċi u tħalli xejn milli jiġri f'din id-dinja jħawdek. Żomm f'moħħok li kollox irid jispiċċa***